MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 80/2002

**Is-socjeta' G.V. Gozo Developments Co. Ltd.**

**vs**

**David Micallef**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tghid il-ghaliex m'ghandekx tkun ikkundannat li thallas lis-socjeta' attrici l-bilanc ta' pagament ta' elf tliet mija u tnejn u sittin liri maltin u sitta u disghin centesimi (Lm1,362.96) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' ghaxart elef disa' mija u sitta u sebghin liri maltin u sitta u disghin centesimi (Lm10,976.96) prezz ta' xoghol ta' appalt ghal zidiet u alterazzjoni tal-kostruzzjoni tal-farmhouse numru tmenin (80) fi Triq Dun Alwig Mizzi, Gharb, Ghawdex, u l-kostruzzjoni ta' swimming pool fl-istess proprjeta', kif ukoll il-hlas ta' tmenin lira maltin (Lm80) prezz ta' erba' travetti tal-hadid li l-konvenut naqas

li jikkonsenja lis-socjeta' attrici wara li l-appalt bejn il-partijiet kien gie terminat. Total ghalhekk li qed jigi mitlub b'dan l-Avviz huwa ta' Lm1442.96.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittri tat-13 ta' Novembru 2001 u tal-5 ta' Marzu 2002.

Bl-imghaxijiet b'effett mill-1 ta' Settembru 2001 sal-effettiv pagament.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek."

Ra r-risposta:

1. "Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici.
2. Illi l-prezz miftiehem in konnessjoni max-xoghol in kwistjoni kien ta' Lm9433, u dana skond il-kontijiet professjonali tal-Perit Godwin Aquilina, liema ammont gie mhallas kollu; ghalhekk il-konvenut, m'ghandu jhallas xejn.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici ma tistax tippretendi hlas ghax-xoghol li ma giex kompletat.
4. Illi fir-rigward tat-travetti, dawn kienu ttiehdu lura mis-socjeta' attrici jew minn terzi mqabbda minnha.
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra:

Illi a fol 35 is-socjeta' attrici ipprezentat rendikont tax-xoghol kollu li sar minnha a karigu tal-konvenut. Minn dan il-prospett jirrizulta li hemm imnizzel l-ammont ta' LM180 ghal *xoghol ta' ballavostri li baqa' ma sarx*. Fil-fatt il-konvenut jikkonferma li dan ix-xoghol, flimkien ma xoghol iehor, ma sarx. Ghalhekk it-Tribunal ma jarax ghalfejn ghandhom jithallsu dawn il-flus.

Illi fl-istess rendikont, hemm imnizzel ukoll l-ammont ta' LM400 *uzu ta' Bobcat u operatur tal-istess vettura 50 siegha @ LM8ph.* Din il-partita giet ikkontestata mill-konvenut li sostna li s-socjeta' attrici setghet dahhlet il-materjal minn gol-post tal-konvenut stess minflok qaghdet tehodha bid-dawra minn band'ohra. It-Tribunal jidhirlu li din it-talba hija gustifikata. Di piu', id-direttur tas-socjeta attrici ipprometta li jgib l-ircevuti relattivi ghal dawn il-LM400 izda naqas li jaghmel dan. Ghalhekk it-Tribunal qieghed arbitrio boni viri jnaqqas dan l-ammont ghal LM200.

Ghaldaqstant, u tenut kont ta' xi differenzi ohra minimi bejn il-partijiet kontendenti, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' limitatament it-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' LM1060 bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali tat-13 ta' Novembru 2001 u tal-5 ta' Marzu 2002.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) M'Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur